Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 342/2015

Il-Pulizja

Spettur Arthur Mercieca

Vs

Keith Pace

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Keith Pace, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 327480M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta` bejn il-wiehed u tletin (31) ta` Awwissu, 2013, u l-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn ta` filghodu (02:00hrs) gewwa Santa Venera, ikkommetta serq ta` diversi ghoddod u ghasafar ghad-dannu ta` Victor Bugeja, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu tal-ewro (€2,390.24), u aggravat ukoll bil-mezz, lok, hin u xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

U aktar talli fl-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` filghodu (02:30am), gewwa Santa Venera u fi bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, bid-digriet li nghata mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri, LL.D., nhar is-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, kif ukoll bid-digriet mghoti mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, LL.D. fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju, 2009, liema digriet kien gie varjat mill-Emeritus Prim Imhallef Dr. Vincent DeGaetano. LL.D., nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta` Mejju, 2009.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Keith Pace u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta` ghaxar t'elef ewro (€10,000) bhala garanzija personali imposta fuqu bid-digriet ta` nhar is-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, u s-somma ta` hames t'elef (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuq bid-digriet ta` nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju, 2009, jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e) (f) (g), 263 (a), 246 (1), 267, 269 (g), 270, 271, 278, 279 (a), 280, 281, 334, 579 (2), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Irrevokat il-helsien mill-arrest tal-imputat tordna li s-somma ta` ghaxar t'elef ewro (€10,000) bhala garanzija personali imposta fuq l-imputat permess ta` digriet tas-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, u s-somma tal-hames t'elef ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu b'digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta` Marzu, 2009 jghadduha favur tal-Gvern ta` Malta a tenur tal-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward il-piena din il-Qorti tikkundanna lill-istess imputat, Keith Pace, perjodu ta` tletin (30) xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta Keith Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti **TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati ta dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija jew piena; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2016 li permezz taghha d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti giet iddikjarata nulla u gie ordnat is-smigh mill-gdid tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Keith Pace esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

A. **Nullita tas-Sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti.**

L-appellant umilment jissotometti illi s-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu hija nulla, u dan peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet minnufih ghal kundanna minghajr ma ghamlet ebda dikjarazzjoni ta' htija. Fil-fatt, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, il-Qorti qalet testwalment hekk:

*Rigward il-piena din il-Qorti tikkundanna lill-istess imputat, Keith Pace, perjodu ta` tletin (30) xahar prigunerija effettiva.*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.*

Illi ghalhekk minn ezami tal-parti konkluziva tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti ghaddiet minnufih ghall-kundanna minghajr ebda dikjarazzjoni ta' htija. Issa, l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-sentenza **"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,**

**taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Agius** moghtija fil-15 (hmistax) ta' Marzu 2012 (elfejn u tnax) irriteniet illi:

*"Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, ifisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija iwassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll huwa suggett ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati."*

Illi inoltre fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Keith Pace</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005):

*Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex lappellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi , l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lillimputat hati , jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza . (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina"[26.11.1960]; "Il- Pulizija vs. Frans Portelli" [3.2.1992] ; "Il-Pulizija vs. Piju Gafa' " [18.4.1959] ; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" [13.10.2004] u ohrajn.)*

Fil-fatt fl-istess sentenza l-Qorti ddecidiet li:

*Ghalhekk in vista tad-diffikultajiet fuq ravvizati kemm firrikors tal-appell kif ukoll minn din il-Qorti "ex officio" , din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata u stante li jista' jaghti l-kaz li jkun hemm bzonn li jinstemghu il-provi ghall-ewwel darba kemm dwar lakkuza ta' serq li issa l-appellant qed jghid li ma gietx ammessa minnu , kif ukoll dwar ir-recidiva li hu qatt ma ammetta, w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, qed terga tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti ...*

Peress illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element is-sentenza moghtija fil-konfronti ta' l-appellant hija irrita u ghanda tigi dikjarata nulla stante illi ma ssegwiex d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk, konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha terga tibghat l-atti kollha, ghal gudizzju mill-gdid, quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza, u dan sabiex l-istess appellant ma jigix imcahhad mid-dritt tieghu ghal beneficcju tad-*doppio esame.*

**B. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

Illi waqt l-investigazzjoni li kienet saret mill-Pulizija dwar attentat ta` serq fil-Head Office tal-BOV gewwa Santa Venera, fl-ewwel (1) ta` Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Pulizija kienet sabet lill-appellant fil-kumpanija ta' persuna femminili Maria Rosaria Grixti ghal habt tas-saghtejn u kwart ta' filghodu (02.15 am) f'cirkostanzi suspettuzi fl-inhawi. Fil-vicinanzi ta' fejn kien jinstab l-appellant instab *chaser* mohbi gewwa kantuniera.

Illi, fl-ewwel (1) ta` Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), Victor Bugeja ghamel rapport mal-awtoritajiet tal-Pulizija illi, fil-gurnata precedenti, jigifieri fil-wiehed u tletin (31) ta` Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), kienet saret serqa mill-fond 43, Triq l-Imsida, Santa Venera, propjeta` minnu gawduta, fejn imur iqatta` xi ftit zmien jgheda bix-xoghol tal-injam u fejn izomm xi annimali zghar. Fost l-oggetti li huwa ddenunzja bhala nieqsa kien hemm zewg (2) *jiggers*, *chaser* tal-marka BOSCH ta` kulur griz u disgha ghasafar bil-gagga b'kollox. Victor Bugeja xehed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn posittivament gharaf ic-*chaser* misjub mill-Pulizija fis-sit vicin fejn kienu gew arrestati l-appellant u Maria Rosaria Grixti.

Illi l-unika cirkostanza illi minhabba fiha l-appellant gie assocjat mas-serqa in kwistjoni hija l-fatt illi huwa nstab fl-ewwel (1) ta` Settembru, tas-sena elfejn u tlettax mill-Pulizija ghal habta tas-saghtejn u kwart ta` filghodu (02:15am) allegatament f'cirkostanzi suspettuzi. Illi Victor Bugeja, u cioe' l-allegat vittma xehed illi kienu nsterqulu diversi oggetti fosthom zewg *jiggers, chaser,* u xi disgha ghasafar bil-gageg ukoll izda kien biss ic-*chaser* illi nstab vicin fejn kien qieghed flimkien mas-siehba tieghu l-appellant. Illi l-appellant umilment jirrileva illi kieku verament ghamel is-serqa in kwistjoni l-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom zgur illi kienu se jsibu l-

oggetti l-ohra in kwistjoni iktar u iktar meta tikkonsidra illi l-oggetti l-ohra misruqa ma kienux oggetti zghar jew li facilment jistghu jinhbew jew li tista' tiddisponi minnhom immedjatament. Illi irrizulta wkoll mill-provi illi l-karozza tal-appellant kienet verament vicin ta' fejn instab mill-Ufficjali tal-Pulizija u ghalhekk kieku verament l-appellant ghamel is-serqa in kwistjoni zgur illi jew l-oggetti kollha misruqa (inkluz ic-chaser) jew almenu l-oggetti rimanenti illi baqghu ma nstabux kienu se jkunu fil-karozza tal-appellant. Dan ifisser illi hemm dubju serju kemm l-appellant allegatament ghamel is-serqa in kwistjoni ghax kieku verament ghamilha l-oggetti kollha jew almenu ammont sostanzjali tal-oggetti kienu jinstabu fil-pussess jew fil-vettura tal-appellant u mhux mill-investigazzjoni li saru mill-Pulizija instab biss ic-*chaser* illi sahansitra lanqas kien fuq l-appellant jew fil-vettura tieghu imma biss mohbi ximkien vicin ta' fejn kien jinsab dak il-hin l-appellant. Illi inoltre, l-unika oggetti illi nstab, u cioe' c-chaser lanqas biss instab fil-pussess tal-appellant izda biss kien jinstab vicin ta' fejn kien jinstab l-appellant. Ghalhekk allavolja kien jinstab vicin tal-appellant ma jfissirx illi serqu hu. Seta kien illi dak ic-chaser gie misruq minn haddiehor li hallih hemm mohbi hemm u l-appellant inzerta kien fil-post il-hazin fil-hin hazin. Dan ghaliex il-fatt biss illi c-*chaser* instab fil-vicinanzi tal-appellant ma jfissirx illi gie misruq minnu.

Illi inoltre l-appellant fiz-zewg stqarrijiet moghtija minnu cahad kategorikament l-involviment tieghu f'din is-serqa u sahansitra ta spjegazzjoni il-ghala kien qieghed f'dawk il-hinijiet barra fejn hu spjega illi kien sejjer il-*clinic* u meta mistoqsi ghala ma kienx informa l-Ghassa tal-Pulizija hu spjegalhom illi s-soltu meta tigri emergenza bhal din imbaghad jghaddilhom ic-certifikat mediku wara li jkun mar il-*clinic* u ma joqghodx javzahom minn qabel. Ghalhekk huwa kiser l-obbligu li jirrinkaza ruhu skond diversi digrieti moghtija minn diversi Qrati biss minhabba emergenza illi nqalatlu.

**C. Piena Erogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tletin (30) xahar prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu <u>recidivi</u>, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' <u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

*Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma***

***jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz***

***ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk il-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum anke tenut kont tal-fatt illi llum il-gurnata l-appellant huwa persuna totalment riformata. Fil-fatt, l-appellant huwa bniedem li ma ghadux fi triq il-hazina u cioe' fit-triq meta allegatament ikkommetta r-reat in kwistjoni izda rriforma ruhu fejn illum il-gurnata sahansitra qed jiggestixxi negozju u qed jipprova jibni hajtu mill-gdid.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti qieghed jiffaccja zewg akkuzi alternattivi ghal xulxin – dik tas-serq u l-ohra dwar ir-reat tar-ricettazzjoni. Dan ghaliex mill-atti processwali ma hemm l-ebda prova li tista' torbot l-att materjali tas-serq mal-persuna ta'l-appellanti ghajr ghal fatt illi wiehed mill-oggetti misruqa instab ftit 'il boghod minn fejn gie intercettat l-appellanti u dan ftit hin wara li kienet sehhet is-serqa mill-proprjeta' tad-derubat. Abbinat ma' dan l-atteggjament kemmxejn dubbjuz ta'l-appellanti, fejn instab barra wara il-hin ta' rinkazar impost fuqu mill-qorti ghal helsien mill-arrest tieghu f'zewg kawzi kriminali li kellu pendenti f'dak iz-zmien, nissel suspett fil-pulizija illi huwa kien involut f'dina l-attivita kriminali.

Issa l-provi f'idejn il-Prosekuzzjoni jistabbilixxu is-segwenti:

1. Fil-lejl bejn il-31 ta' Awwissu 2013 u l-1 ta' Settembru 2013 sehhet serqa mill-fond 43, Triq l-Imsida Sta Venera proprjeta ta' Victor Bugeja. Minn dan il-fond jinsterqu zewg jiggers, chaser tal-marka Bosch, u madwar ghaxar ghasafar.

2. F'dak l-istess lejl l-appellanti u is-siehba tieghu jintlemhu mill-pulizija jistahbew hdejn nicca u meta jaraw il-pulizija jaharbu jigru. Dan sehh ghal habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu.

3. Fil-post fejn l-appellanti u is-siehba tieghu kienu qed jistahbew jinstab chaser li l-parti leza jaghraf bhala dak l-istess wiehed li insteraq f'din is-serqa.

4. Il-vettura ta'l-appellanti tinstab ipparkeggjata ftit 'il boghod u ghalkemm jirrizulta illi saret tfittxija fiha, madanakollu ma tressaq l-ebda xhud u cioe' ufficjal tal-pulizija li effettwa din it-tfittxija.

5. L-appellanti huwa marbut bil-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest u kopja ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrtai(Malta), per Magistrat Neville Camilleri, datat 06 ta' Awwissu 2013 jinsab esebiet in atti minn fejn jirrizulta illi huwa irid jirrinkaza sat-8:00p.m. Id-digriet l-iehor indikat fl-akkuza tal-2009 ma giex esebiet mill-Prosekuzzjoni.

Minn dawn il-provi allura huwa bil-wisq evidenti li ma hemm xejn x'jorbot lill-appellanti mas-serqa li sehhet f'dak il-lejl mill-fond proprjeta ta' Victor Bugeja ghajr ghall-fatt illi huwa jigi intercettat mill-pulizija barra wara l-hin impost fuqu ghar-rinkazar bid-digriet tal-qorti, u ukoll illi fil-post fejn huwa jigi intercettat jinstab chaser li l-parti leza igharaf bhala dak li insteraqlu. Illi ir-ritratti esebieti mill-prosekuzzjoni ta' dan ic-chaser jindika illi huwa tal-marka Bosch u fih it-tape kannella li isemmi l-parti leza meta jaghti deskrizjoni ta' dan ic-chaser fix-xhieda tieghu. L-oggetti l-ohra ma jinstabux mill-pulizija. Illi imbaghad ir-ragunijiet moghtija mill-appellanti fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija, 'il ghala huwa kien barra mir-residenza tieghu f'dak il-hin bikri ta' fil-ghodu meta suppost kellu jkun id-dar sat-tmienja ta' fil-ghaxija, huma ghal kollox inverosimili. Dan ghaliex il-Qorti ma tistax temmnu meta ighid illi huwa kellu qtugh ta' nifs u kien fi triqtu lejn il-polyclinic, u dan peress illi il-post fejn instab mohbi barra fit-triq fid-direzzjoni l-opposta tac-Centru tas-Sahha u l-girja li gera meta bdew jinsegwuh il-pulizija ma humiex indikattivi tal-fatt illi huwa kien ma jiflahx. Di piu' fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu meta mistoqsi ghaliex kien qieghed barra fit-triq meta kien suppost sejjer b'urgenza ghal kura medika, l-appellanti jivvinta storja ohra li kien qed jistenna biex jiltaqa' ma' xi terza persuna li ma ridx jindika min hu. Il-Qorti tqies ghalhekk illi l-appellanti ma iressaqx raguni valida 'il ghala f'dak il-hin bikri ta' fil-

ghodu huwa kien jinstab barra meta suppost li kien qieghed id-dar u dan b'ordni tal-qorti.

Issa l-Avukat Generali huwa tal-fehma illi ghall-fattispecje tal-kaz ghandu japplika il-principju legali ingliz tar-*recent possession of stolen goods* u jaghmel referenza ghad-decizjoni spiss iccitata in konnessjoni ma' din it-tejorija "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[App.Krim 26.8.1998]); fejn inghad illi:

"***it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.***

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):- ***"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence , 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue." "Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of***

***circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (sottolinear ta' din il-Qorti).***

Illi ghalkemm din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi li fihom l-appellanti gie intercettat huma ferm suspettuzi, madanakollu ma jistax jinghad illi inholoq xi ness bil-provi li din il-Qorti ghandha quddiemha u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, bejn is-serqa li sehhet f'dik il-lejla u l-appellanti ghalkemm dan instab jagixxi b'mod dubjuz, kif diga inghad, f'dawk l-akwati. Ukoll ghalkemm wiehed mill-oggetti misruqa instab fil-post fejn intlemah l-appellanti qieghed jahrab minnu, madanakollu b'daqshekk ma jistax jinghad illi huwa instab fil-pussess ta' dan l-oggett. Fuq kollox mieghu kien hemm persuna ohra u allura dana l-oggett seta' kien fil-pussess taghha biss jew inkella taghhom it-tnejn flimkien bhala komplici fl-istess reat. Illi ghalhekk ghalkemm jerga jinghad illi c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz iqajjmu suspett qawwi dwar l-invovliment ta'l-appellanti fl-event kriminuz, madanakollu dawn il-provi ma jilhuqx il-grad rikjest fil-ligi fil-kamp penali li jista' iwassal biex jistabilixxi r-reita' fil-persuna ta'l-appellanti. La hemm prova dwar xi marki tas-swaba, per ezempju, fuq dan ic-chaser li jista' jorbtu mal-appellanti, la hemm prova jekk instabux xi oggetti ohra li gew nieqsa f'din is-serqa fil-pussess ta'l-appellanti u lanqas hemm prova ta' xi marki tas-swaba fil-fond minn fejn sehhet is-serqa. Dan in-ness qatt ma jigi stabbilit u kwindi it-tejorija li qed jinvoka l-Avukat Generali ma tistax issib applikazzjoni ghal dan il-kaz ghaliex l-ewwel u qabel kollox irid jigi ippruvat il-pussess.

Illi dwar l-akkuza tal-ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuq l-appellanti ghal helsien mill-arrest, jerga' jigi ribadit illi l-unika prova li hemm fl-atti marbuta ma' din l-akkuza huwa digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati ta' ftit gimghat qabel u cioe tas-06 ta' Awwissu 2013, digriet mhux ikkontestat mid-difiza u ikkonfermat mill-Ispettur Arthur Mercieca fix-xhieda tieghu li qed imexxi l-prosekuzzjoni ukoll f'dik

il-kawza. Minn dan id-digriet jirrizulta illi l-appellanti kellu jirrinkasa sat-8:00p.m. u huwa indubitat kif diga' inghad illi huwa instab barra fis-saghtejn ta' fil-ghodu minghajr ebda raguni plawsibbli. Kwindi din l-akkuza tirrizulta ippruvata. Billi l-emendi li gew introdotti permezz ta'l-Att VIII tal-2015 varjaw il-piena marbuta ma' dan ir-reat, din il-Qorti ghalhekk trid tapplika dawk il-pieni li kienu vigenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Illi di piu l-appellanti ghandu jitqies illi huwa recidiv kemm fit-termini ta'l-artikolu 49 kif ukoll 50 tal-Kodici Kriminali in vista tas-sentenza esebieta mil-Prosekuzzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Gunju 2009 fejn l-appellanti kien wehel erba' snin prigunerija fuq akkuzi ta' serq.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-appellanti mill-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu marbuta mar-reati tas-serq u ricettazzjoni, wara li rat l-artikolu 579(2) (kif vigenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat), 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali issibu hati tat-tielet imputazzjoni bl-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal perijodu ta' xahar prigunerija. Tordna ukoll illi d-digriet moghti favur tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest tas-06 ta' Awwissu 2013 jigi revokat.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur